# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 11 ta` Frar 2016**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 798/15 JZM**

**Gaetano Bonnici ID No. 970050(M) u martu Maryanne Bonnici ID No. 671352(M)**

***kontra***

**Age Concern Company Limited (C-18974)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-20 ta` Awwissu 2015 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti huma azzjonisti fil-kumpannija intimata fl-ammont ta` hamsin fil-mija (50%) bejniethom liema sehem l-esponenti huma marbutin li jbieghu lill-azzjonisti l-ohrajn is-sehem kollu taghhom sas-sebgha u ghoxrin ta` Awwissu 2015 skont kif inhu miftiehem fl-anness dokument Dok "A";*

*2. Illi ghas-sena finanzjarja 2013/2014 li bdiet f`Settembru 2013 u gie konkluz f`Settembru 2014 il-kumpannija ghamlet qliegh sostanzjali u dan skont l-anness rapport tal-awditur Dok "B";*

*3. Illi minkejja d-diversi nterpellanzi mill-esponenti lill-azzjonisti l-ohra kif ukoll lill-kumpannija intimata l-istess azzjonisti l-ohra qeghdin jirrifjutaw sabiex jigi ddikjarat dividend halli l-esponenti jiehu sehemu mill-profitti mis-sena finanzjarja 2013/2014;*

*4. Illi l-esponenti ser u qieghed isofri pregudizzju serju jekk ma jiehux dak li huwa d-dritt tieghu skont il-ligi;*

*5. Illi sabiex wiehed jara l-ingann tal-intimat azzjonista sarraf cheque tal-kumpannija li kien dovut sabiex ihallas il-pagi tal-haddiema u ghamlu f`ismu personali u sarraf l-ammont ta` mitt elf euros (euros 100,000) (ara Dok C) ad insaputa tal-esponenti u bi pregudizzju kbir u ghad-detriment tal-aspetti finanzjarji tal-esponenti kemm bhala direttur kif ukoll bhala azzjonista.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghal dawk illi ser jingiebu waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors, ir-rikorrenti jitlob li dina l-Onorabbli Qorti :-*

*1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata Age Concern Company Limited ghamlet profitti fis-sena finanzjarja 2013/2014 u tikkwantifika ossia tillikwida tali ammont.*

*2. Tordna li dawn il-profitti kollha jigu konvertiti f`dividends ghall-kumpannija Age Concern Company Limited favur l-azzjonisti fi kwoti ndaqs bejniethom skont l-ammont likwidat bhala profitti.*

*3. Tordna d-distribuzzjoni ta` dawn id-dividends favur l-azzjonisti fi kwoti ndaqs bejniethom.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni u bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata nkluz dik tal-ittra ufficjali datata 16 ta` Lulju 2015 u tal-mandat ta` sekwestru numru 1235/2015.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku tad-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-kumpannija konvenuta li kienet prezentata fl-24 ta` Settembru 2015 li taqra hekk :–

*Dikjarazzjoni*

*1. Illi l-atturi kienu azzjonisti fis-socjeta` esponenti fejn kellhom mitejn u hamsin (250) sehem ordinarju ta` valur nominali ta` €2.329373 -il wiehed ;*

*2. Illi fit-23 ta` Awwissu 2008, l-atturi flimkien mal-azzjonisti l-ohra tal-kumpannija esponenti ftehmu li peress li ftehim li kien hemm bejniethom dwar il-gestjoni ta` ospizju tal-anzjani fil-Mosta kien se jigi terminat nhar is-26 ta` Awwissu 2015, liema gestjoni kienet tikkostitwixxi l-attivita` principali tas-socjeta` esponenti, l-azzjonisti l-ohra kellhom jakkwistaw l-ishma mizmuma mill-atturi odjerni versu l-prezz bonarjament pattwit ta` €58,250. Kopja tal-ftehim relattiv giet prezentata mill-atturi mar-rikors guramentat taghhom (Dok. A) ;*

*3. Illi dan il-ftehim gie onorat tant li fis-26 ta` Awwissu 2015 – jigifieri sitt ijiem wara l-prezentata tal-kawza odjerna – l-atturi aljenaw l-ishma taghhom favur Barbara Coates, Odette Falzon Federoff, Fleur Balzan u Alfred Balzan u dan kif jirrizulta min-notifiki ta` trasferiment ta` ishma hawn annessi u mmarkati "Dok. AC1" sa "Dok. AC4" ;*

*4. Illi qabel ma sar dan it-trasferiment tal-ishma, thejjew l-audited accounts tal-kumpannija esponenti ghall-ahhar sena finanzjarja. Ghal dan il-ghan l-ewwel thejja rapport fil-format muri flimkien mar-rikors guramentat (Dok. B) liema rapport gie ffirmat biss mid-Direttur Alfred Balzan fil-waqt li l-attur naqas milli jiffirma. Sussegwentement, sabiex l-attur jaccetta li jiffirma saret verzjoni ohra fejn intqal li dwar id-dividends kien hemm disputa. Kopja tar-rapport annwali qed tigi hawn annessa u mmarkata "Dok. AC5";*

*5. Illi fil-verita`, l-intendiment bejn l-azzjonisti kien li s-somma ta` €58,250 miftiehma bejniethom fl-2008 kellha tkun "in full and final settlement of all claims and pretences which the said sellers or their heirs at law, may have against the Owners/Guarantors or their heirs at law";*

*6. Illi tant kien dan l-intendiment li l-hlas tal-ammont kien garantit mill-azzjonisti konjugi Balzan u dan ghaliex meta sar dak il-ftehim, il-qaghda tas-socjeta` esponenti qajla kienet felici ;*

*7. Illi hekk kif wasal iz-zmien li l-ftehim tal-2008 jimmatura, l-atturi odjerni hasbu li jaraw biex jistghu johorgu sabiex javvanzaw ftit iehor ;*

*8. Illi ghal kull buon fini qed jigu prezentati wkoll kopja tal-Memorandum u l-Istatut tal-kumpannija esponenti kif kien qabel ma sar it-trasferiment tal-ishma mill-atturi odjerni lil azzjonisti godda, liema kopja qed tigi mmarkata "Dok. AC6" kif ukoll kopja tal-Memorandum u l-Istatut tal-kumpannija esponenti kif gie emendat ricentement wara li sar it-trasferiment tal-ishma mill-atturi odjerni lil azzjonisti godda, liema kopja qed tigi mmarkata "Dok. AC7";*

*9. Illi ghad li l-Istatut tas-socjeta` esponenti huwa sajjem fejn imiss mad-dikjarazzjoni ta` dividends, japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap.386) in kwantu dawn mhux talli mhumiex eskluzi talli huma inkorporati b`riferenza fl-Istatut tas-socjeta` esponenti u kwindi japplikaw is-segwenti regoli :-*

> *73. The company in general meeting may declare dividends, but no dividend shall exceed the amount recommended by the directors.*

*74. The directors may from time to time pay to the members such interim dividends as appear to the directors to be justified by the profits of the company.*

*75. The directors may, before recommending any dividend, set aside out of the profits of the company such sums as they think proper as a reserve or reserves which shall, at the discretion of the directors, be applicable for any purpose, to which the profits of the company may be properly applied, and pending such application may, at the like discretion, either be employed in the business of the company or be invested in such investments, other than shares of the company, as the directors may from time to time think fit. The directors may also without placing the same to reserve carry forward any profits which they may think prudent not to divide.*

*76. Subject to the rights of persons, if any, entitled to shares with special rights as to dividend, all dividends shall be declared and paid according to the amounts paid or credited as paid on the shares in respect whereof the dividend is paid, but no amount paid or credited as paid on a share in advance of calls shall be treated for the purposes of this regulation as paid on the share. All dividends shall be apportioned and paid proportionately to the amounts paid or credited as paid on the shares during any portion or portions of the period in respect of which the dividend is paid; but if any share is issued on terms providing that it shall rank for dividend as from a particular date such share shall rank for divided accordingly.*

*77. The directors may deduct from any dividend payable to any member all sums of money, if any, presently payable by him to the company on account of calls or otherwise in relation to the shares of the company.*

*78. No dividend shall bear interest against the company.*

*10. Illi jsegwi ghalhekk li jmiss lis-socjeta` esponenti permezz tad-Diretturi taghha li tirrakkomanda l-hlas ta` xi dividend, xi haga li fil-kaz odjern ma saritx ;*

*11. Illi inoltre kwalsiasi jedd li seta` kellhom l-atturi llum ghadda ghand Barbara Coates, Odette Falzon Federoff, Fleur Balzan u Alfred Balzan stante l-Artiklu 9 tal-Istatut tal-Kumpannija esponenti jipprovdi espressament illi :-*

*A person or persons becoming entited to a share by way of transfer inter vivos or causa mortis shall be entitled to the same dividend or other advantages to which he or they would be entitled if he or they were registered holder or holders of the share, except that he or they shall not, before being registered as a member in respect of the share, be entitled in respect of it to exercise any right conferred by membership in relation to the meetings of the company.*

*12. Illi jsegwi ghalhekk li l-azzjoni attrici m`hi xejn ghajr tentattiv iehor sabiex jivvessaw lis-socjeta` esponenti u lill-persuni li issa ghandhom interess fiha.*

Eccezzjonijiet

*1. Preliminarjament, illi l-atturi mghandhomx l-interess guridiku sabiex imexxu l-azzjoni odjerna (liema azzjoni hi msejjsa fuq il-premessa li huma azzjonisti) gjaladarba l-atturi aljenaw l-ishma taghhom fil-mori tal-kawza u ghalhekk l-azzjoni odjerna ma tistax tirnexxi ;*

*2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici mhijiex rimedju idoneu gjaladarba l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) jipprovdi ghal rimedju ad hoc ghall-harsien ta` azzjonisti kontra allegat pregudizzju mhux gust u ghalhekk l-azzjoni odjerna ghandha tigi michuda ;*

*3. L-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi peress li : (i) ir-rakkomandazzjoni ghall-hlas ta` dividends tispetta lid-Diretturi ; u (ii) din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tad-Diretturi ;*

*4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fi kwalunkwe kaz irid jittiehed qis tar-rizervi li ghandhom jinzammu mill-profitti socjetarji skont ir-regoli li jemanu mill-Ewwel Skeda tal-Kap. 386 u li huma applikabbli ghas-socjeta` esponenti ;*

*5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta\` konvenuta, u l-elenku ta\` dokumenti li kienu prezentati mar-risposta guramentata.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur u d-dokument li kien anness.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta\` Ottubru 2015 fejn *inter alia* tat direzzjoni lill-partijiet sabiex igibu provi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat in-nota b\`dokument li pprezentaw l-atturi fit-23 ta\` Ottubru 2015.

Rat in-noti ta\` osservazzjonijiet tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta\` Novembru 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. **Xiehda**

**L-attur** xehed illi huwa kien azzjonista flimkien ma\` Alfred Balzan fil-kumpannija konvenuta. Fil-kumpannija huwa kellu l-kapacitajiet ta\` infermier mentri Alfred Balzan kellu l-proprjeta\` fil-Mosta. Il-kumpannija kriet minghand Alfred Balzan il-fond "Central Home", Independence Avenue, Mosta. Il-mara tieghu u cioe\` l-attrici kellha tmexxi d-dar ta\` l-anzjani.

Xehed illi l-kumpannija kienet kostitwita fit-22 ta` Awissu 1995. Fis-26 ta` Awissu 1995 sar ftehim ghal ghaxar snin, li seta` jiggedded ghal ghaxar snin ohra. Huwa kien responsabbli mill-*caring* u *nursing* fid-dar mentri Alfred Balzan kien responsabbli ghall-manutensjoni u riparazzjoni ta` l-istess dar. Il-kera kienet tizdied b`rata ta` 10% kull sentejn u dejjem thallset. Bhala diretturi u azzjonisti, kemm hu kif ukoll Alfred Balzan kienu jiehdu *directors` fees.* Ma kienux jittiehdu *dividends* peress li dawn kienu dejjem imorru lura fil-kumpannija jew kienu jigu *carried forward.*

Stqarr illi fl-2001, il-kumpannija kienet tiehu xoghol minghand il-Gvern, fis-sens li l-Gvern kien jibghat il-pazjenti u jhallashom. Ghalhekk il-profitti bdew jizdiedu. Infatti fl-2013 u fl-2014 bdew jigu registrati profitti sostanzjali. Skont l-*accounts* jirrizulta li fis-sena finanzjarja 2013/2014 kien hemm qliegh nett mit-taxxi ta` €66,953, waqt li -*retained earnings* kienu ta` €189,846. It-taxxa fuq il-profitti ghal dik is-sena kienet ta` €36,052 ; thallset ukoll it-taxxa fuq ir-*retained earnings.*

Fisser illi Alfred Balzan ried jaqsam nofs bin-nofs il-profitti biss tas-sena 2013/2014 u cioe` l-ammont ta` €66,953 (ara l-email Dok A). Balzan kien accetta li jhallas u jiddikjara li jaghti nofs il-profitti bhala *dividends* mill-profitti tas-sena finanzjarja li tispicca fl-2014. Id-dizgwid inqala` ghax Balzan ma riedx jaqsam r-*retained earnings* ; ried izommhom ghalih meta l-kumpannija kienet diga` hallset it-taxxa fuqhom. Balzan ried jikkappara l-flus kollha ghalih u ma jaqsam xejn mieghu mill-*accrued profits.*

Qal illi fl-2008 sar ftehim fejn l-attur kellu jirrilaxxja l-ishma tieghu kollha lill-azzjonista l-iehor Alfred Balzan. Dan kellu jsehh f`Ottubru 2015.

Dwar dan il-ftehim, l-attur isostni li ma kellu x`jaqsam xejn mal-profitti li kienu saru fis-snin precedenti.

Ighid illi bil-kawza tal-lum huwa qed jitlob il-hlas ta` sehmu mill-profitti tas-sena finanzjarja 2013/2014 meta huwa kien ghadu azzjonista tal-kumpannija konvenuta. Qabel ipprezenta l-kawza, huwa baghat ittra lill-bord tad-diretturi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-profitti forma ta` dividends izda nutilment. Insista illi huwa ma kienx qed jitlob xi haga mill-ftehim tal-2008 izda kien qed jitlob sehmu mill-profitti tas-sena

finanzjarja 2013/2014. Huwa hadem ghas-success tal-kumpannija u ghalhekk ma kienx sewwa li l-azzjonist l-iehor jiehu wahdu l-beneficcju tal-profitti jew li l-profitti jkunu nvestiti lura fil-kumpannija jew li jigu kkunsidrati bhala *retained earnings.* Huwa insista li kellu jiehu sehmu mir-*retained earnings.*

Qal illi huwa pprezenta rikors ghall-hrug ta` mandat ta` sekwestru kawtelatorju kontra l-kumpannija intimata. Meta l-Qorti ordnat il-hrug tal-mandat, Alfred Balzan mar il-bank u gibed fi flus kontanti l-ammont ta` €100,000 mill-flus tal-kumpannija u b`hekk halla lill-kumpannija xotta minn kollox. Dwar il-kuntratt li s-socjeta` konvenuta ghandha mal-Gvern, huwa jaf li Balzan talab lill-Gvern sabiex il-hlasijiet dovuti lis-socjeta` konvenuta jithallsu lil kumpannija ohra. B`hekk fil-kaz li l-kawza tkun deciza kontra s-socjeta` konvenuta, huwa ma jsib xejn x`jaqbad.

## III. <u>Gurisprudenza</u>

Riferibbilment ghall-eccezzjoni preliminari tal-allegata karenza ta` interess guridiku li qeghda tkun deciza llum, il-gurisprudenza hija estensiva.

Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawza "**<u>Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk :-

*"Illi l-Qorti tqis li meta wiehed ihares lejn is-siwi ta` eccezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l- interess guridiku tal-parti attrici li ssostni l-kawza, wiehed irid izomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mal-principji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu mehtieg biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd (Ara App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza fl-ismijiet Manche` vs Montebello (Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawza fl-ismijiet Camilleri vs Sammut (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minhabba dan il-principju li ghadd ta` sentenzi cahdu l-jedd talazzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali (Ara App. Civ. 8.6.1942 fil-kawza fl-ismijiet Cortis vs Bonello (Kollez. Vol: XXXI.i.218) ;*

*Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss filbidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza (App. Civ. 17.2.1993 fil-kawza fl-ismijiet Sammut et noe vs Attard (Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawza (Ara App. Civ. 3.12.1984 fil-kawza fl-ismijiet Borg vs Caruana (Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-ghadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhuxmehtieg li jkun imsemmi fir-Rikors Mahluf, ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Civ. 12.12.1983 fil-kawza fl-ismijiet Ignazio Gatt vs Michael Debono et).Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jezisti wkoll fejn jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawza fl-ismijiet Axiaq vs Mizzi noe et (Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet Scolaro vs Bailey (Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawza "**MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera**" din il-Qorti (**PA/FS**) qalet :-

*"Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet **Maria Tabone et vs Joseph Schembri**, deciza fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet:"Dwar il-kuncett ta` l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li;Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista` jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*

*Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l- Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-nessguridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u ddannijew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.*

*L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta` l-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50 ; **Mortara** VoII p.588). Il- **Mattirolo** f`dan ir-rigward jispjega li :-*

*"L`azione compete soltanto e tutela dei diritti ; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d`altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` `injuria datum`, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offendeun nostro diritto."*

*Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni.L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe** deciza mill-Qorti ta` L-Appell fid-29 ta` Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta` l-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civilidatat 17 ta` Frar 1993.*

*Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta` Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey,** Appell Civili deciz fil-15 ta` Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim`Awla Qorti Civili deciz fit- 28 ta` Marzu 2003).*

*Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale,** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta` l-attur, izda dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fejn la tista` tirbah il-kawza u lanqas tista` tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill- Qorti ta` l-Appell fit-18 ta` Mejju 1995).*

*Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista` jghid li l-interess guridiku :*
*- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta` jedd u jibqa` jezisti fil-kors kollu tal-kawza]*

*- irid ikun dirett*

*- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta` l-attur, u mhux biss interess]*

*- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*

*- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta` vantagg u utilita`*

*- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*

*- il-kawza li jipproponi tkun tista` tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*

*- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir*

*- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista` jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."*

*Illi fis-sentenza* ***Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et*** *(App. Civ. (Imh JSP) – 6 ta` Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell sostniet :-*

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta` interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita` esistenza o violazione del diritto".*

*Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista` tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta` l-awtorita`gudizzjarja."*

*Fil-kawza* ***Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal- Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta` l- Immigrazzjoni*** *(P.A. (JRM) 18 ta` Jannar 2001 – Cit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta` l-attur f`kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B`ta` l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta` l-ezistenza ta` jedd u l-htiega li tilqa` ghal kull attentat ta` ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valurekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta` l-Appell fil-kawza flismijiet "***Falzon Sant Manduca vs Weale***", maqtugha fid-9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*Fis-sentenza* ***J. Muscat et vs R. Buttigieg et*** *(App. Civ. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal:"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-ezistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*Fil-kawza deciza mill-Prim`Awla fit-2 ta` Mejju, 2002 flismijiet* ***George Laferla et vs Joseph Lauri et*** *inghad li: "Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawza jrid jibqa` jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista` tissokta (ara "***Calleja vs Micallef***" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta`April, 1992, u "***Sammut vs Attard***" deciza wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993).*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess guridiku, irid jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attrici naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. (****Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard****; App. Civ., 17.2.1993, Vol. LXXVII).*

*Illi f`sentenza ohra tas-17 ta` Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *qalet li :*

*"l-interess guridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni".*

Ta` l-istess portata kienet is-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/RCP**) fis-26 ta` April, 2012 fil-kawza "**Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et**" fejn inghad hekk :-

*"Illi dwar in-nuqqas ta` interess guridiku tal-attur fil-mument li l-prezenta l-kawza huwa rilevanti li jinghad li "biex wiehed jipproponi domanda f`gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz" (**"Beatrice Manche noe –vs- Maria Montebello"** A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" (**"Giuseppe Camilleri et –vs- Giuseppe Sammut et"**P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (**"Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et"** A.C. 27 ta` Mejju 1991; u **"Albert Calleja–vs- Orazio Micallef"** A.C. - 1 ta` April 1992).*

*Fuq il-kuncett tar-rizultat vantagguz jew utli, ossija ta` l-utilita` guridika issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Veronica Farrugia et –vs- Mary Buhagiar"** (A.C. - 2 ta` April 1993) u **"Joseph Attard et –vs- PaulBaldacchino" (**A.C. - 5 ta` Ottubru 2001)."*

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Il-Qorti sejra taghmel dawn l-osservazzjonijiet :-

Fl-ewwel lok, l-azzjoni tal-atturi hija wahda attwali ; qeghda tintalab dikjarazzjoni mill-qorti li s-socjeta` konvenuta ghamlet profitti f`sena finanzjarja partikolari meta l-istess atturi kienu ghadhom azzjonisti fis-socjeta` ; qieghed ukoll jintalab li jkun hemm ordni sabiex il-profitti jigu konvertiti f`dividends favur l-azzjonisti sabiex jigu distribwiti bejniethom.

Fit-tieni lok, il-kawza tal-lum m`hijiex merament dikjaratorja, izda li kieku kellha tintlaqa`, hija integrativa.

Fit-tielet lok, l-interess tal-atturi huwa wiehed attwali, ghaliex huma qed isostnu li ghandhom dritt ladarba kienu azzjonisti fis-sena finanzjarja 2013/2014 li jircievu dividends in vista tal-profitt li ghamlet is-socjeta` konvenuta.

Il-kawza kienet istitwita meta l-atturi kienu ghadhom azzjonisti fis-socjeta` de qua ; ghalhekk certament li fid-data meta saret il-kawza, kien jissussisti l-interess guridiku tal-atturi.

Issa ladarba t-talbiet tal-atturi jirrigwardaw iz-zmien meta huma kienu ghadhom azzjonisti, l-interess taghhom jibqa` interess legittimu billi l-istess atturi qed ifittxu d-dritt li jikkontendu li ghandhom ghal sehem mill-profitti tas-socjeta` konvenuta fis-sena finanzjarja partikolari. Ghalhekk l-interess guridiku ta` l-atturi baqa` jissussisti ; konsegwentement huwa attwali.

Dawn ic-cirkostanzi kollha jsahhu l-fehma tal-Qorti li l-atturi ghandhom interess guridiku tutelabbli biex imexxu bil-kawza odjerna.

Jifdal biss li l-Qorti tqis jekk l-azzjoni tistax twassal ghal esitu utli jew vantaggjuz ghall-atturi.

L-ghan ta` l-azzjoni huwa sabiex l-atturi jiehdu sehemhom mill-profitti li ghamlet il-kumpannija konvenuta fis-sena finanzjarja 2013/2014. Madankollu l-kawza bhala fatt tinsab fi stadju bikri wisq, sabiex jigi evalwat jekk effettivament l-azzjoni tistax tirnexxi, u jekk l-atturi ghandux ikollhom rizultat utli u vantaggjuz ghalihom imsarraf fit-tqassim u fl-assenjazzjoni tal-profitti li saru fis-sena finanzjarja 2013/2014.

Sabiex tevalwa jekk l-azzjoni twassalx ghal rizultat utli jew vantaggjuz ghall-atturi, il-Qorti trid tidhol u taghti gudizzju dwar il-mertu, partikolarment dwar jekk effettivament meta jigi evalwat il-kontenut ta` s-*share transfer agreement* fil-kuntest tal-*memorandum* u *articles of association* tal-kumpannija konvenuta, l-atturi ghandhomx dritt li (i) jitolbu li profitti li saru jigu konvertiti f`dividends u li (ii) effettivament jinghataw sehem mill-profitti tal-kumpannija konvenuta minflok l-azzjonisti li kisbu l-ishma taghhom. Il-Qorti tinsisti li l-kawza ghadha fil-bidu nett taghha ; inoltre l-provi li tressqu sal-lum huma minimi sabiex il-Qorti tkun tista` tirrelata dwar il-vertenza u sabiex tkun tista` tevalwa l-kuntest li fih sar l-istess s-*share transfer agreement* u l-intenzjoni tal-partijiet meta sar dak il-ftehim.

Dan premess, il-punt ewlieni fl-istadju attwali tal-kawza jibqa` illi min ghamel il-kawza jidher li kellu interess rikjest mil-ligi.

Il-Qorti ma tistax iccahhad lill-parti attrici milli tavvanza l-pretensjonijiet taghha u titlob rimedju. Ikollhiex raguni fil-mertu finalment, irid jigi determinat u stabbilit wara li jsir il-gbir tal-provi u wara li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qieghda taqta` u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta.**

**L-ispejjez relattivi ghal din id-decizjoni jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghal nhar it-Tnejn 14 ta` Marzu 2016 fid-9.30 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**